# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI
Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 3 ta' Diċembru 2024**

**Nru: 22**

**Rikors Nru. 1188/2024**

## Kroll Trustee Services Limited rappreżentata mill-mandatarju speċjali l-avukat Adrian Camilleri

**v**

## Il-bastiment 'M/V Jay 1'

**Daħla**

1. Permezz ta' rikors tal-1 ta' Novembru 2024, Kroll Trustee Services Limited ("Kroll") talbet l-approvazzjoni tal-qorti għall-bejgħ privat tal-bastiment M/V Jay 1 (il-"bastiment") lilha stess, bħala kreditriċi eżekutanti, għall-prezz ta' €13,000,000 liema prezz għandu jitqies imħallas bi tpaċija kontra kreditu dovut lil Kroll mis-sidien tal-bastiment. Talbet ukoll ordnijiet konsegwenzjali.

**Sfond**

2. Kroll għandha titolu eżekuttiv kontra l-bastiment għall-ammont ta' US$67,583,694 (ekwivalenti fid-data tar-rikors għal €62,307,435.01). Is-sidien tal-bastiment ma ħallsux l-ammonti dovuti skond il-ftehim relevanti u għalhekk ittieħdu l-passi meħtieġa biex it-titolu

sar eżegwibbli. Wara li titolu sar eżegwibbli, il-bastiment ġie arrestat u saret talba għall-bejgħ tiegħu bl-irkant. L-irkant seħħ fit-18 ta' Settembru 2024, iżda l-aħjar offerent – li offra €15,000,000 – ma ddepożitax il-prezz, biex b'hekk il-bejgħ ma seħħx.

3. Kroll tgħid li minħabba f'hekk bdiet tesplora l-potenzjal biex issib xerrej fis-suq privat, bil-ħsieb li tiġi applikata l-proċedura ta' bejgħ approvat mill-qorti skont l-art. 358 sa 364 tal-Kap. 12. Ingħad fir-rikors li '[g]ħal kull buon fini jingħad ukoll li [Kroll irċeviet] offerti oħrajn minn xerrejja prospettivi kif ukoll minn *brokers* internazzjonali imma dawn l-offerti ġew rifjutati għaliex kienu ferm inqas mis-somma ċċitata hawn fuq'. Is-somma tidher li hi dik ta' €13,000,000 li hu l-prezz li qed toffri Kroll, bi ħlas bi tpaċija.

4. L-offerti l-oħra ma tressqux mar-rikors, imma tressqu fis-smigħ li seħħ fis-26 ta' Novembru 2024.

5. Flimkien mar-rikors, Kroll ressqet żewġ stimi, annessi bħala Dok J-005 u Dok J-006.

6. Bħala persuni potenzjalment interessati f'din il-proċedura, Kroll semmiet lil-sidien tal-bastiment, lid-Direttur tal-Portijiet u l-Yachting u, f'paragrafu separat, 'kreditur ieħor bl-isem ta' Neriman Associates SA ... li ottjena l-ħruġ ta' Mandat ta' Arrest ... fuq il-bastiment ... u li għandu interess fil-bejgħ tal-bastiment ...'

7. Neriman Associates SA qiegħda topponi l-bejgħ. Tgħid li l-proċedura ta' bejgħ privat ma tippermettix li x-xerrej ikun il-kreditur eżekutant; li l-kreditur eżekuntant ma jistax jixtri bi tpaċija; li ma tressqitx prova li l-bejgħ hu fl-interess tal-kredituri kollha magħrufa; u li hi ressqet prova li l-valuri indikati fl-istimi mressqa minn Kroll huma baxxi ferm.

8. Is-sidien ma daħħlux sottomissjonijiet formali, iżda, permezz tal-avukati tagħhom, stqarrew li mhumiex qed jopponu għat-talbiet ta' Kroll.

**Il-kontestazzjoni**

9. Kroll wriet li għandha titolu eżekuttiv. Dan mhux kontestat.[1] Kif ġa rajna, eżebiet ukoll żewġ stimi. Dan ukoll mhux kontestat, għalkemm Neriman tgħid li l-istimi huma baxxi.

---

[1] Almenu mhux f'dawn il-proċeduri. Ara però Rikors 1248/2024, deċiż illum ukoll.

10. Il-kwistjonijiet kontestati huma dawn:[2] (i) Kroll, in kwantu kreditriċi, tista' titqies 'xerrej identifikat' għall-finijiet tal-art. 358 tal-Kap. 12?; (ii) Kroll tista' tħallas il-prezz bi tpaċija?; u (iii) tressqet prova u, jekk tressqet, ixxejniet il-prova, li l-bejgħ hu fl-interess tal-kredituri kollha magħrufa u li l-prezz hu raġonevoli fiċ-ċirkostanzi?

**Ħlas bi tpaċija**

11. Kroll tgħid li ħlas bi tpaċija minn kreditur eżekutanti jista' jsir. Tgħid ukoll li għandu japplika l-art. 332 tal-Kap. 12 - artikolu li jinsab fis-Sub-titolu li jirregola l-bejgħ bl-irkant, mhux bejgħ privat awtorizzat. Dan l-artikolu jgħid li x-xerrej mhux obbligat li jiddepożita l-prezz jekk ikun offra li jixtri bi tpaċija (u li dan hu bla ħsara għall-art. 337 (1) u (2)). Dwar l-art. 363 - li jgħid li l-prezz f'bejgħ privat awtorizzat irid jiġi depożitat - Kroll ma qalet xejn fir-rikors tagħha. Iżda waqt is-smigħ, Kroll għamlet referenza għad-deċiżjoni ta' din il-qorti, presjeduta mill-(illum) Prim Imħallef Mark Chetcuti, f'*Pacific Seaways Shipbuilding Inc. v Il-bastiment MV Kay*.[3] F'dik id-deċiżjoni, il-qorti qalet hekk:

> Dak li jaghmel dan il-bejgh ftit differenti hu illi l-akkwirent prospettat hu l-istess kreditur li qed jitlob il-bejgh. Hu qed jitlob il-permess li jakkwista l-vapur bi tpacija in parte tal-kreditu dovut lilu.
>
> Din il-Qorti ma tqis illi tali talba hi insostenibbli. Il-ligi ma taghmilx divjet dwar minn jista' jkun l-akkwirent u bhal f'subbasta normali, kull kreditur jista jippartecipa fil-bejgh animo compensandi.[4]

12. Il-kuntest fattwali f'dawk il-proċeduri – li hu dejjem importanti - kien dan: kien hemm kreditur wieħed biss, u ma kien hemm ebda oppożizzjoni għall-bejgħ kif propost.

13. Il-qorti ma jidhrilhiex li għandha għalfejn tindaga jekk kreditur eżekutant – jew kreditur ieħor – jistax ikun xerrej għall-finijiet tal-art. 358 tal-Kap. 12. Dan għaliex, kif ser naraw, il-qorti sejra ssib li anki jekk kreditur jista' jixtri, ma jistax joffri li jixtri bi tpaċija. Jingħad

---

[2] Saru xi sottomissjonijiet minn Kroll fis-sens li Neriman m'għandiex interess, essenzjalment għaliex il-pretensjoni tagħha fil-proċeduri fil-mertu hi indirizzata mhux lejn is-sidien attwali tal-bastiment imma lejn is-sidien ta' qabel tiegħu, li magħhom Neriman għandha jew kellha relazzjoni kuntrattwali. Il-qorti ma tqisx, għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri, li dan l-argument jista' jreġġi għaliex kienet proprju Kroll li indikat lil Neriman bħala persuna li għandha interess f'dawn il-proċeduri.
[3] 35/2016, deċ. 18 ta' Frar 2016
[4] *Ibid,* paġna 7

biss li, ma l-ewwel daqqa t'għajn, u kif intqal f'*Pacific Seaways*, ma jidhirx li hemm raġuni għaliex kreditur ma jistax ukoll ikun xerrej.[5]

14. Hemm numru ta' raġunijiet li, fil-fehma tal-qorti, jeskludu l-possibilità ta' bejgħ lil kreditur bi tpaċija. L-ewwel waħda hi li l-art. 363 tal-Kap. 12 jrid li il-prezz jiġi depożitat fil-qorti fi żmien sebat ijiem mid-data ta' meta l-bejgħ jiġi finalizżat. Meqjusa fil-kuntest li fih tintuża, il-kelma 'prezz' hawn għandha tingħata t-tifsira ordinarja tagħha, u mhux dik kemxejn teknika li, f'ċerti kuntesti, tista' tfisser ukoll il-mod ta' kif tispiċċa obbligazzjoni, possibilment anki bi tpaċija. Dan wieħed għandu jasal għalih anki jekk l-art. 363 jitqies biss fil-kuntest tas-Sub-titolu in kwistjoni. Ir-raġuni hi li l-prezz hu maħsub biex iħares l-interessi tal-kredituri magħrufa kollha u, fil-fatt, id-drittijiet tagħhom, wara l-bejgħ, huma esklussivament fuq il-prezz, u mhux iktar fuq il-bastiment (ara art. 364 tal-Kap. 12). Jekk prezz (fis-sens ordinarju) ma jkunx hemm, għaliex issir tpaċija, il-kredituri l-oħra ma jkollhom ebda forma ta' protezzjoni. Għalhekk is-sottomissjoni ta' Kroll, magħmula waqt is-smigħ, li l-prezz (kif maħsub fl-art. 363) jista' jitqies depożitat fil-forma ta' prova tat-tpaċija, ma tiswiex; għaliex dik il-prova ma għandha l-ebda valur għall-kredituri l-oħra.

15. Jekk, imbagħad, inwessgħu l-kuntest u nħarsu ukoll lejn is-Sub-titolu IV, li jittratta s-subbasti, insibu li kreditur jista' jixtri anki bi tpaċija. Jista' isir l-argument li anki s-subbasta hi maħsuba biex jiġi protetti l-kredituri kollha u, allura, la darba l-bejgħ bi tpaċija jista' jsir f'dak il-kuntest, ma hemmx raġuni għaliex m'għandux jitħalla jsir fil-kuntest ta' bejgħ privat approvat mill-qorti. Hu possibli li dan kien l-argument li kkonvinċa lill-qorti f'*Pacific Seaways.*

16. Il-problema b'dan l-argument hi li s-Sub-titolu IV jirregola, b'mod dettaljat, offerti li jsiru bi tpaċija biex jiġi żgurat li l-kredituri l-oħra ma jiġux żvantaġġati. Dan ir-reġim ma ġiex applikat għall-bejgħ privat. Dan ukoll hu kuntest li fih t-tifsira tal-kelma 'prezz' fl-art. 363 għandha titqies. Il-konklużjoni li wieħed jasal għaliha hi l-istess.

---

[5] Iżda, kif inhu sottointiż f'*Pacific Seaways*, jekk dan hu korrett, jista' jkun li l-iskrutinju tal-offerta u tal-metodoloġija użata mill-kreditur/xerrej ikun jimmerita li jkun iktar rigoruż.

17. Wieħed jista' jqis ukoll il-fatt li l-leġislatur għażel li jippermetti, u jirregola, offerti bi tpaċija fil-kuntest tas-Sub-titolu IV imma mhux fis-Sub-titolu V bħala indikattiv li tali offerti ma jistgħux isiru taħt is-Sub-titolu V.

18. Barra minn hekk, li kieku kellu jiġi aċċettat, għall-argument, kif tissuġġerixxi Kroll, li jistgħu jiġu applikati d-dispozizzjonijiet tas-Sub-titolu IV għas-Sub-titolu V, żgur li d-dispozizzjonijiet ma jistgħux jiġu applikati kif trid Kroll, li tinvoka biss dik li taqbel lilha (apparti li tinvokaha parzjalment biss, u apparti li dik id-dispozizzjoni diffiċli titħaddem flimkien mal-art. 363 tal-Kap. 12).

**Bejgħ fl-interess tal-kredituri u prezz raġonevoli**

19. Billi mhix sejra tilqa' t-talba kif imressqa għaliex ma tistax tilqa' offerta ta' ħlas bi tpaċija, il-qorti tista' anki tieqaf hawn. Iżda jidhrilha li għandha tgħid kelmtejn dwar il-prova li hi meħtieġa biex jintwera li l-bejgħ hu fl-interess tal-kredituri kollha magħrufa u li l-prezz hu raġonevoli fiċ-ċirkostanzi.

20. Kif qalet il-qorti, presjeduta mill-(illum) Prim Imħallef Mark Chetcuti, f'*Valenzia noe v MT Pacific Future*,[6] dawn iż-żewġ kundizzjonijiet jimxu id f'id billi jekk il-prezz tal-bejgħ hu raġonevoli, hu wisq probabbli illi l-interessi tal-kredituri jiġu protetti. Jista' forsi jiżdied li l-prova r-raġonevolezza tal-prezz mhux dejjem għandha titqies biss fuq il-bażi tal-istimi mressqa, għaliex li kieku kien hekk, il-kliem '... u li l-prezz offrut ... huwa raġonevoli...' jiġu li huma superfluwi. Dan ma jfissirx li l-istimi ma jistgħux jkunu suffiċjenti; sempliċement li mhux dejjem ikun hekk. Dan il-punt jista' jkollu importanza partikolari jekk hu l-każ li l-kreditur jista' jkun xerrej.

21. Jingħad ukoll li kieku Kroll kellha raġun li bejgħ bi tpaċija hu possibli fil-kuntest ta' bejgħ privat awtorizżat mill-qorti, il-qorti kienet tkun marbuta, skont l-art. 359, li tqis jekk dak il-bejgħ hux fl-interess tal-kredituri magħrufa.

22. Dwar il-fatti f'dan il-każ il-qorti tosserva li ma saret l-ebda prova li kien hemm xi forma ta' avviż, pubblikat internazzjonalment, wara li l-attent ta' bejgħ bl-irkant, biex jinstab xerrej privat; jew li sar xi attentat b'mezzi oħra biex tali xerrej jinstab. Jidher, fil-fatt, li l-

[6] 906/2013, deċ. 28 ta' Novembru 2013

offerti li waslu għand Kroll ġew b'inizjattiva ta' uħud mill-parteċipanti fil-bejgħ bl-irkant. Ukoll, l-offerti li ġew mingħand terzi ma kienux - kif intqal lill-qorti - ħafna inqas minn €13,000,000; u jidher li kien hemm lok, skont l-istess, għal negozjati.[7] Fl-aħħar, ma jidher li sar l-ebda attentat biex isir magħruf hemmx kredituri oħra, għalkemm f'dan il-każ ir-rikors tal-lum sar wara proċess għal subbasta, li ġie publikat internazzjonalment u li allura jista' jitqies li seta' iservi għal dak il-għan ukoll.

Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti tiċħad it-talba. Dwar l-ispejjeż li ġarrbet Neriman, il-qorti tosserva li l-liġi trid li l-persuni li għandhom interess jistgħu jressqu sottomissjonijiet, mhux risposta. Titlob lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali tqis jekk din hix konsiderazzjoni relevanti.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur

[7] Ara, b'mod partikolari, l-offerta f'paġna 194